Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5162/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0251(NLE)**

ATO 3
CADREFIN 8

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 10128/18 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013<br>- Adozzjoni |

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi kien iddiskuta l-proposta u laħaq qbil proviżorju fil-livell tiegħu wara konsultazzjoni informali bil-miktub, li ntemmet fit-3 ta' Novembru 2020, bl-ebda delegazzjoni ma tqajjem oġġezzjoni.

3. Il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020 adottat konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jkopru wkoll id-dħul għall-QFP 2021-2027[1] inkluż il-baġit għal dan il-programm.

[1] EUCO 10/20

4. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat f'Lulju 2018 u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Jannar 2019.

5. Fit-2 ta' Diċembru 2020 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 13389/20.

6. Wara qbil orizzontali dwar il-QFP, it-test ġie allinjat mad-dispożizzjonijiet ġodda tal-QFPu saritlu reviżjoni mill-ġuristi lingwisti kif jinsab fid-dokument ST 12569/20.

7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden li:

– japprova l-abbozz tat-test finali tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 kif jinsab fid-dokument ST 12569/20;

– jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta dan ir-Regolament tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 12569/20 bħala punt "A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.